# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN
# AVVIŻI 13 TA' OTTUBRU 2019

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**
Illum is-Sibt 12 ta' Ottubru 2019 fil-Knisja Parrokkjali tal-Immakulata Kunċizzjoni, l-Ħamrun, fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11.00pm.

**Quddiesa fil-bidu tas-Sena Kateketika fiċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Munxar**
It-Tnejn 14 ta' Ottubru 2019 fis-7.00pm tibda quddiesa għat-tfal flimkien mal-ġenituri tagħhom li jattendu fiċ-Ċentru tal-Katekiżmu tal-Munxar.

**Kummissjoni Djakonija**
It-Tnejn 14 ta' Ottubru 2019 fis-7:30pm tiltaqa' l-Kummissjoni Djakonija fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**Tberik tal-Familji**
It-Tlieta 15 ta' Ottubru 2019 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji **fi Triq il-Ħortan.**

**Adelaide Cini... mitt sena wara**
L-Arċisqof Charles J. Scicluna ser jiċċelebra Quddiesa fl-okkażjoni tal-100 sena mill-eżumazzjoni u t-trasport tal-fdalijiet ta' Adelaide Cini miċ-ċimiterju ta' Santa Maria Addolorata għall-istitut "Ta' Ċini" li kienet waqqfet hi. Il-Quddiesa ser issir nhar **it-Tlieta 15 ta' Ottubru, fis-7pm,** fil-knisja li tinsab fl-Istitut Adelaide Cini f'Sta Venera. Matul din il-Quddiesa, l-Arċisqof ser jitlob li jerġa' jinfetaħ il-każ tal-Venerabbli Adelaide Cini biex eventwalment, jekk tissodisfa l-kriterji tal-liġi tal-Knisja, din il-mara lajka tiġi bbeatifikata. Kulħadd huwa mistieden jattendi għal din il-Quddiesa u jitlob bl-interċessjoni ta' Adelaide Cini.

**Kummissjoni Liturġija**
Il-Ħamis 17 ta' Ottubru 2019 fil-5.00pm tiltaqa' l-Kummissjoni Liturġija fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**Laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina**
Il-Ħamis 17 ta' Ottubru 2019 fis-7:15pm ser issir l-ewwel laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu s-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina fil-Knisja Parrokkjali.

**Laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes**
Il-Ġimgħa 18 ta' Ottubru 2019 fis-7:00pm fis-Sala Sant'Anna ser issir laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes li ser jiżżewġu bejn Jannar u Ġunju 2020. *Bookings* mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Ġurnata Missjunarja**

Is-Sibt 19 u l-Ħadd 20 ta' Ottubru 2019 hija l-Ġurnata Missjunarja. Il-ġbir kollu li se jsir fil-knejjes tad-dinja Kattolika jmur biex il-Kelma ta' Alla tixxandar anke f'artijiet ġodda tal-missjoni. Nirringrazzjawkom tal-ġenerożità tagħkom.

***Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna**
Il-Ħadd 20 ta' Ottubru 2019 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea*.

***Coffee Morning***
Il-Ħamis 24 ta' Ottubru 2019 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Solennità tal-Qaddisin Kollha**
Il-Ħamis 31 ta' Ottubru 2019 flimkien mal-Appostli u d-Dixxipli Franġiskani se niċċelebraw il-Festa tal-Qaddisin Kollha. Fis-7:30pm nibdew b'quddiesa fis-Sala Sant'Anna u wara *party* u logħob għat-tfal flimkien mal-familja tagħhom. **Inħeġġu lit-tfal jiġu libsin tal-Qaddis favorit tagħhom!**

**Rużarju f'Ottubru**
Niftakru li matul dan ix-xahar ta' Ottubru, fis-5:55pm (qabel il-quddiesa tas-6:30pm), jintalab ir-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat. Nhar ta' Sibt jibda wara l-quddiesa tas-6:30pm u l-Ħadd jibda fil-5:25pm. Inħeġġukom sabiex bħala familja titolbu t-talba tar-Rużarju flimkien.

**Bazaar**
Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

**Kors ta' Kana bi tħejjija għaż-Żwieġ Nisrani**
Fil-Parroċċa tagħna l-Kors ta' Kana ser jibda il-Ġimgħa 19 ta' Jannar 2020. Niltaqgħu nhar ta' Ġimgħa fis-7:30pm fis-Sala Sant'Anna bejn Jannar u Marzu. L-għarajjes interessati għandhom japplikaw billi iċċemplu l-Uffiċċju Parrokkjali (21636704 waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju parrokkjali) jew jinkitbu fis-sagristija.